**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAHAR LOCAL COUNCIL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4


9 Leġiżlatura

**Minuti Numru 42**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali Numru 42, li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 11 ta' Marzu 2022, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Elke Sghendo 4 ta' Marzu, 2022

Deputat Aġent Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Alfred Bray Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Anne Marie Fenech Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Mary Borg Kunsillier

Online

- Carlos Zarb Viċi Sindku
- Stephen Cremona Kunsillier

Skużati

- Daryl Connor Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**42.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Daryl Connor.

**42.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (41)**

Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 41 hekk kif tressqu.

**42.3 Punti mill-Minuti**

- **MFER/51/016 – Installazzjoni ta' Percussion Exhibits**

  Id-dipartiment laqgħa l-applikazzjoni tal-kunsill għal l-iskema.

- **Laqgħa 12 ta' Jannar 2022 re-Avviz Legali 146 tal-2021**

  Ir-rapport dwar proposti ta' siti għat-tqegħid ta' bin-on-wheels għal skart riċikabbli baqa ma tressaqx minħabba li l-Kunsillier Chris Vella Petroni ma kienx għadu preżenti għal-laqgħa 42.

*Il-Kunsillier Anthony Attard daħal għal-laqgħa 17:38*

**42.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

42.4.1 BOV - Tnaqqis ta' servizz offrut mill-bank fil-lokalita'

Is-Sindku ippreżenta ittra datata 9 ta' Marzu 2022, mibgħuta bl-idejn mill-kunsill lit-tmexxija tal-bank BOV fejn intweriet il-preokkupazzjoni tal-kunsill għat-tnaqqis drastiku fis-servizz offrut mill-bank lill-klijenti fil-lokalita.

Inġibdet l-attenzjoni ukoll dwar il-fatt li l-istess bank naqas li jipprovdi fi żmien aċċettabbli, credit/debit card għal użu tal-kunsill bil-konsegwenza li għat-twinning kellha tintuża card personali tas-Sindku.

L-ittri tagħmel referenza ukoll għat-tariffi enormi mposti mill-bank fuq kull minn għandu ddepożitat ammont akbar minn €5,000, fejn fl-aħħar sena l-kunsill weħel aktar minn €8,000 f'tariffi u għaldaqstant intalab rimedju.

42.4.2 Ħatra ta'Segretarju Eżekuttiv

Il-kunsill irċieva 6 applikazzjonijiet għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Wara li saret il-verifikazzjoni tad-dokumenti irriżulta, li 3 mill-applikazzjonijiet ma kienux eleġibbli skond il-parametri tas-sejħa pubblika u għalhekk l-applikanti ġew in-notifikati. Il-kunsill in-notifika lill-applikanti A.C, M.G.X u M.S li kienu eleġibbli biex jattendu għall-interview fejn persuna minhom (A.C) infurmat li ma għadiex interessata fil-kariga.

Il-Bord ta' l-ġħażla żamm sezzjoni ta' interviews fejn attendew iż-żewġ applikanti M.G.X u M.S. L-applikanta M.G.X ma ġabitx il-marki minimi rikjesti filwaqt li M.S kiseb biżżejjed marki u għadda mill-intervista.

Il-Bord ta' l-Għażla ppropona, li l-kunsill japprova l-ħatra ta' M.S fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv u jekk għal xi raġuni l-persuna nkwistjoni ma taċċettax u/jew tirriżenja mill-kariga tinħareġ sejħa pubblika mill-ġdid.

Ippropona ukoll, li minħabba l-fatt li l-persuna magħżula ma għandiex esperjenza diretta fiċ-Ċivil jew fil-kunsilli, jagħmel sens li l-Aġent Deputat Seg.Eżekuttiv preżenti tiġi mistoqsija jekk hijiex lesta li tagħti konsulenza biex tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid. Dan sa massimu ta' 300 siegħa. B'hekk, ix-xogħol kbir li twettaq relatat ma l-amministrazzjoni fl-aħħar żmien ma jisfumax fix-xejn.

Il-Kunsillier Mario Salerno ressaq mozzjoni biex ir-rapport jiġi approvat kif tressaq.
Il-Kunsillier Paul Bugeja is-sekonda l-mozzjoni.
Ir-Rapport ġie approvat kif tressaq nem.con.

*Il-Kunsillier Stephen Cremona daħal on-line għal-laqgħa 17:44*

42.4.3 ELC Burmarrad letter – 30 ta' April 2022

Il-kunsill ġie nfurmat mill-kumpanija ELC li mhux se tkun f'pożiżżjoni li tibqa toffri s-servizzi tagħha lill-kunsill abbinat maż-żamma u manutenzjoni ta'soft areas fl-akkwati tal-knisja ta' Burmarrad, mill-ewwel ta' Mejju 2022.

Ġie nnutat, li għal dawn ix-xogħolijiet biss qed isir ħlas ta' €6,456 + VAT fis-sena. Għaldaqstant il-kunsill unanimament approva, li jekk jagħmel sens finanzjarju għal kunsill, tiġi mpjegata persuna oħra biex tgħin lill-ġardinar fil-ħidma tagħha.

42.4.4 Xiri ta' Kotba

Il-librara tal-Kunsill issuġġerit ix-xiri ta' kotba Maltin mingħand Wise Owl Publications għall-adulti bil-prezz ta' bejn 2.99 ewro u 3.99 ewro il-wieħed.

Is-Sindku Alfred Grima ippropona x-xiri ta' kotba f'ammont massimu ta' 150 ewro.

Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva.

42.4.5 Rizenja ta' Chairperson mill-kumitat tat-tenders

7/02/2020 – Il-Kunsillier Daryl Connor irriżenja mill-kariga ta' Chair Person mill-Bord ta' Aġġudikazzjoni ta' sejħiet pubbliċi minħabba li hu jħoss li l-irwol ma jaqax taħt il-kompetenza tiegħu u għaliex jieħu numru konsiderevoli ta' ħin. L-irwol huwa wieħed ta' responsabilta' li jinvolvi numru ta' siegħat li huma diffiċli biex jiġu sudisfatti mill-irwol ta' Kunsillier. Għalhekk għamel suġġeriment biex il-Kunsill japprova li jqabbad persuna teknika.

Is-Sindku ressaq mozzjoni biex fil-kariga ta' Chairperson tal-Bord il-kunsill jaħtar persuna minn barra l-kunsill b'esperjenza fl-EPS u titħallas bħal kumplament tal-Bord.

Il-Kunsillier Anthony Delia issekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva nem.con.

42.4.6 Karigi

Is-Sindku nforma li konsegwenza tar-riżenja mill-kunsill tal-Kunsillier Graziella Galea huwa se jaħtar lill-Kunsillier Alfred Bray bħala l-persuna risponsabbli mill-Komunita ta' Burmarrad, lill-Kunsillier Mary Borg risponsabbli mill-ħarsien ta' l-Annimali, lill-Kunsillier Anne Fenech risponsabbli mill-Kultura u lill-Kunsillier Daryl Connor membru tal-Bord ta'l-Infrastruttura.

42.4.7 Monument iddedikat lis-sajjieda Pawlin

L-istima ta' l-istatwa tal-monument iddedikat lis-sajjieda Pawlin hi ta' 5,500 euro, Vat mhux inkluża. Dan ma jinkludiex l-bażi ta' taħt il-luzzu u/jew l-istatwa biex jintrabtu.

Il-Kunsill approva l-istima ta' 5,500 euro kif ukoll spejjeż oħra marbuta mal-monument.

42.4.8 Cir AKL 2022/028 Infurzar mill-ERA relatat mal-iBins .

Dan is-servizz ta' infurzar ser ikun qed jingħata mingħajr ħlas lill-Kunsilli Lokali skond il-bżonn tal-Kunsill wara talba li trid issir f'żoni indikati mill-Kunsilli stess. L-Uffiċjali tal- ERA ser ikunu qed josservaw żoni problematiċi fejn jidħol skart f'żoni relatati mal-iBins.

Il-kunsill ġie nfurmat li tul is-sena 2021, l-ERA wettqet 304 spezzjoni marbuta ma l-ambjent f'San Pawl il-Baħar fejn inħargu 20 kontravenzjoni.

42.4.9 Qualification allowance

L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sinj.Elke' Sghendo irtierat ftit mill-kamra waqt li ġie diskuss dan is-suġġett. Il-minuti ttieħdu mill-iskrivana s-Sinj.Josienne Bartolo.

Is-Sindku nforma, li rikjesta ta' l-Agent Deputat Seg.Eżekuttiv għal qualification allowance ġiet miċħuda mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali minħabba li l-kariga hi waħda temporanja.

Huwa ppropona, li l-kunsill jikteb lid-Direttur Ġenerali u jitolbu biex jikkunsidra mill-ġdid ir-rikjesta imressqa. Dan fuq il-mertu, li l-qualification allowance ghandhom jitħallsu fuq il-kwalifiki miksuba u mhux dwar jekk il-persuna taħdimx full time jew le.

Aktar minhekk, għaliex dak mitlub jimxi pari passu ma dak xprunat mic-Civil fejn għandhom x'jaqsmu "Remote Working Condition".

Il-Kunsillier Paul Bugeja ssekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con.

42.4.10 Każ 380/2019JG - Gasan & Mamo vs Kunsill SPB

Bħala punt ta' informazzjoni s-Sindku nforma, li minħabba nuqqas li seħħ mill-kunsill, l-istess kunsill ġie misjub ħati ta' aċċident tat-traffiku li seħħ fit-8 ta' Diċembru 2018 fi Triq Għawdex fejn ġie nterpellat iħallas €2,385.53 f'danni.
Meta mistoqsi mis-Sindku għal kjarifika dwar x'kienet ir-raguni li t-Tribunal allega "li l-kunsill rega baqa passiv" l-Avukat tal-kunsill Dr David Bonello informa li;

*"F'dan il-każ ġejt informat tard biħ wara li kien għadda t-terminu biex ndaħħlu risposta iżda daħħalt risposta xorta pero meta tidaħħal tard hemm dik li tisejjaħ kontumaca prattikament ma tkun tista tagħmel xejn fil-kawża għalhekk passiv. Jien kont ippruvajt nagħmel rikors dak iż-żmien il-kawża kienet qed tieħu ħsieba Dr.Mallia pero din kienet caħditli t-talba u kont tajt l-parir li ma jsirx appell minn dik d-deċizjoni preliminari minħabba li l-ispejjez kienu konsiderevoli".*

42.4.11 Malta Public Transport – Installazzjoni ta' magna tal-biljetti Pjazza ta' Buġibba

Tressqet rikjesta biex tiġi nstallata magna tal-biljetti Pjazza ta' Buġibba.

Il-kunsill ma approvax ir-rikjesta mressqa.

42.4.12 Lift Maintenance Agreement 22

Is-Sindku Alfred Grima ressaqq għal approvazzjoni tal-kunsill biex jiġġedded il-Lift Maintence Agreement eżistenti għas-snin 2022 – 2023 bil-prezz ta' €375 (incl. VAT) + Labour charges.

Il-kunsill approva.

42.4.13 Sirens agreement

Il-kunsill ġie nfurmat li l-ftehim li kien intlaħaq bejn il-kunsill u Sirens ASA dwar l-użu tal-pixxina ġie ffirmat. Inkluż fil-ftehim hemm ir-riżoluzzjoni li ġiet approvata mill-kunsill.

**42.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-kunsill ma rċieva l-ebda mistoqsija.

**42.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapport**

42.6.1 Rapport Installazzjoni ta' charging Pillars

Il-kunsill huwa favur li fil-lokalita jiżdiedu il-faċilitajiet eżistenti għal iċċarġjar ta' vetturi elettriċi. Biex dan il-proċess ma joħloqx problemi kbar għar-residenti, il-kunsill lest japprova l-14 il-sit (28 parkeġġ) segwenti li potenzjalment jistaw jiġu nstallati charging pillars ġodda.

Triq Piscopo Macedonia - kantuniera ma Triq Maqdes Megalitiku.
Telgħet Xemxija - fl-akkwati tal-Pit Stop kjosk.
Triq il-Knisja – minflok iż-żewġ parkeġġi riservati eżistenti
Triq il-Kaħli – fil-parkeġġ
Triq San Antnin –
Sirens pitch – minflok iż-żewġ parkeġġi riservati eżistenti
Triq it-Turisti – fl-akkwati tal-knisja tal-Qawra
Piazza Santana - minflok iż-żewġ parkeġġi riservati eżistenti
Triq il-Qawra – quddiem il-parkegg naħa max-xatt
Triq il-Port Ruman – quddiem l-iskola
Triq Toni Camilleri, Burmarrad – fejn jarma tal-gas.
Triq Ghawdex
Triq Dawret il-Gżejjer – faċċata Bognor
Triq ix-Xaghra tal Bandieri

Dan iseħħ biss kemm il-darba l-parkeġġi eżistenti riservati esklussivament għal kumpanija waħda partikolari jinbidlu f'charging pillars komuni li joffru servizz għal kull vettura. Inkluż magħhom, il-parkeġġi eżistenti riservati esklussivament għal vetturi elettriċi li ma għandhomx charging pillar.

### 42.6.2 Rapport evalwazzjoni Tender Walkway Balcony

Il-kunsill ġie nfurmat li l-proċess ta' l-aġġudikazzjoni tat-tender inagħlaq. Żewġ kumpaniji urew interess u tefgħu l-offerti tagħhom, fejn l-irħas offerta twaqqat għax instab li kien hemm dokumenti nieqsa. Il-Bord kien tal-fehma li t-tender jingħata lill-kumpanija li tegħfet offerta ta' €382,097 + VAT.

Id-deċiżjoni tal-Bord ittieħdet wara li nżammu diversi laqgħat li għalihom ġie mistieden jattendi l-perit mill-uffiċċju DTR u minħabba diversi fatturi. Fostom, minħabba l-istat perikoluż li tinstab il-gallarija u għal fatt li bis-sitwazzjoni ekonomika mondjali preżenti, iċ-ċans huwa li l-prezz jiżdied u mhux jonqos jekk din is-sejħa ta' l-offerti tinħareġ mill-ġdid. L-Aġent Deputat Seg.Eżekuttiv qrat il-*'justification letter'* tal-Perit.

Is-Sindku Alfred Grima qal li minħabba li jidher li ma hemmx triq oħra qed jipproponi li l-kunsill japprova r-rapport kif tressaq u li dawn il-varjazzjonijiet jinġiebu għal-attenzjoni ta' l-MTA sabiex tkun hi li tagħmel tajjeb finanzjarjament.

Il-mozzjoni ġiet is-sekondata mill-Kunsillier Paul Bugeja.
Il-kunsill approva nem.con.

### 42.6.3 Rapport ingaġġ ta' skrivani skala15 notch 3

Il-kunsill irċieva żewġ applikazzjonijiet għal ingaġġ ta' skrivani skala 15 notch 3 fejn iż-żewġ applikanti A.S u M.C kienu eleġibbli skond il-parametri tas-sejħa pubblika. Il-kunsill stieden liż-żewġ applikanti biex jattendu għall-interview nhar is-7 ta' Marzu 2022 fis-1pm. Persuna minhom (A.S) infurmat li ma kinietx għada nteressata aktar fil-kariga. L-applikanta M.C kisbet marki biżżejjed u għaddiet mill-intervista.

Il-Bord ta' l-Għażla ppropona, li l-kunsill japprova l-ħatra ta' M.S fil-kariga ta' skrivana skala 15 notch 3 u jekk għal xi raġuni l-persuna nkwistjoni ma taċċettax u/jew tirriżenja mill-kariga issir kuntatt mal Jobplus sabiex jitkompla l-proċsess neċessarju.

Is-Sindku ippropona sabiex tinħareġ sejħa pubblika ġdida għal żewġt ħaddiema klerikali.

Il-Kunsillier Alfred Bray ressaq mozzjoni biex ir-rapport jiġi approvat kif tressaq.
Il-Kunsillier Mary Borġ is-sekonda l-mozzjoni.

Ir-Rapport ġie approvat kif tressaq.

42.6.4 Rapport Annwali 2021

L-Aġent Deputat Seg.Eżekuttiv spjegat ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2021. Issemma, li diversi attivitajiet u xogħolijiet ma setawx isiru minħabba ristrizzjonijiet marbuta mal-pandemija u li x-xogħol amministrattiv qed jiżdied b'rata magħġla.
Is-Sindku Alfred Grima, f'isem il-kunsill irringrazzja lill-ħaddiema kollha tal-kunsill inkluż l-Aġent Deputat Seg.Eżekuttiv għall-kontribut tagħhom.

Is-Sindku Alfred Grima ippropona li r-rapport jiġi approvat kif tressaq.
Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva.

**42.7 Ġemellaġġ**

Is-Sindku Alfred Grima, il-Viċi Sindku Carlos Zarb u l-Aġent Deputat Seg.Eżekuttiv Elke Sghendo żammew żjara fir-Reġjun ta' Krapina-Zagorje, Kroazja bejn is-26/02/2022 u l-01/03/2022. Tul din iż-żjara ġie ffirmat ġemellaġġ ma Oroslavje. Dan il-ftehim jirrikonoxxi opportunitajiet komuni fl-iżvilupp u t-tkabbir tar-relazzjonijiet, ibbażat fuq ftehim

reċiproku li jippromovi l-possibilita ta' koperazzjoni f'diversi oqsma, fosthom fl-aspett turistiku, ta' l-edukazzjoni, l-agrikoltura, il-kultura u lis-Start-Up.

Inżammu diversi laqgħat fosthom mas-Sindku ta' Oroslavje Viktor Simunic, mad-Deputat President ta'Krapina-Zagorje, Jasna Petek u mal-President tal-Kunsill ta'Oroslavje kif ukoll inżammu żjarat fil-fabrika tat-tessuti u fil-kumpless ta' lis-start-ups.

Kien hemm qbil li l-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar jirreċipproka din iż-żjara billi jibgħat stedina formali lis-Sindku ta'Oroslavje Viktor Simunic biex iġib Malta delegazzjoni simili għal dik li telgħet fix-xhur li ġejjien.

Il-kunsill approva l-ħruġ ta' fondi neċessarji marbuta ma din iż-żjara, kif ukoll biex isir uffiċċju ġdid għal użu tas-Sindku u jittranġa l-uffiċċju amministrattiv b'mod ġenerali.

**42.8 Estenzjoni ta' bankini**

Is-Sindku qal, li l-Awtorita ta' l-Ippjanar infurmat lill-kunsill, b'email data 8 ta'Frar 2022, li hija prerogattiva tal-Kunsill Lokali ta' llum jekk jitneħħewx jew le estenzjoni ta' bankini li saru fi żmien meta ma kien hemm bżonn l-ebda notifika meta ix-xogħolijiet isiru mill-gvern/kunsill. Dan skond AL 115 ta'2007 u l-emendi sussegwenti.

Għaldaqstant s-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-kunsill biex il-bankina ta' l-ex Lukanda Crown fi Triq Aristarkus li ila snin kbar magħluqa u bhekk tagħmel wisgħa għal parkeġġi ġodda.
Il-mozzjoni ġiet ssekondata mill-Kunsillier Paul Bugeja.
Il-kunsill approva nem.con.

**42.9 Proposta għal bini ta' parkeġġ biswiet it-Torri Wignacourt**

Il-Kumpanija DB ressqet proposta għall-bini ta' parkeġġ il-fuq minn wiċċ it-triq b'diversi sulari biswiet it-Torri Wignacourt. Dwar dan il-proġett inżammet preżentazzjoni informali mill-Perit ta' l-iżviluppatur nhar it-8 ta'Marzu 2022.

Il-kunsill ma qabilx ma kif ġiet ippreżentata il-proposta. Kien hemm qbil li d-deċiżżjoni tal-kunsill tinġib għal attenzjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u l-Awtorita' ta' l-Artijiet.

**42,10 Bord tal-Klejms kontra l-Kunsill**

Il-Bord tal-Klejms iddiskuta 10 każi. Ippropona, li l-4 klejms li ddaħħlu relatati ma Triq il-Kaħli għandom jinġibu għal attenzjoni ta' Water Services Corporation. Dan minħabba li l-kuntrattur tagħha naqas milli jiżgura li jittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji waqt li kien għaddej bix-xogħolijiet.

Każ (A) ipproponew li ma jintlaqax għax-xogħolijiet ma kienux qed isiru mill-kunsill.
Każ (H) ipproponew li m jintlaqx minħabba nuqqas ta' evidenza.
Każi (B)(C)(F)(G)(I) il-kunsill jagħmel tajjeb għall-ħsara fl-ammont globali ta' **€822.**
Il-kunsill approva r-rapport nem.con.

**42.11 Tender 05/2018 Upkeep & Maintenance Soft Areas Lot 1 & 2**

Malta Recycling & Waste Services iffirmat ftehim ta'sub-contracting mal-kuntrattur preżenti Frankie Mifsud fejn se tkun qeda tassumi r-risponsabilitajiet tax-xogħolijiet.
Il-parir ta' l-avukat tal-Kunsill Dr David Bonello kien li "jekk il-kunsill jaqbel tista tingħata konferma mill-kunsill bil-miktub biex jsir dan is-sub contracting.

Il-kunsill approva il-ftehim bil-kundizzjoni li l-kuntrattur il-ġdid jonora t-tender fl-intier tiegħu.

**42.12 Regjun Tramuntana - Assistance Measures to Region Members for 2022**

Is-Sindku Alfred Grima poġġa fuq il-mejda tal-kunsill kopja tal-miżuri li se jiġu offruti mir-Reġjun Tramuntana għall-ħtiġijiet tal-kunsilli. Huwa ressaq proposta biex il-kunsill japprova il-parteċipazzjoni tiegħu bl-aħjar mod u biex ic-CCTV's jiġu nstallati waħda ħdejn il-knisja tal-Qawra u oħra f'tarf it-Triq Bardnell fejn l-ex Cherrie Tree Pub.

Il-Kunsillier Mary Borġ is-sekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con

**42.13 Applikazzjonijiet ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar**

Ma kien hemm l-ebda applikazzjoni x'tiġi diskussa.

**42.14 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż**

Il-kunsill approva x-xiri ta' *'heavy duty shredder'*

**42.15 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti**

L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata kif tressqet.

**42.16 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20:05 u aġġornata għas-26 ta' April 2022 fil-5.30pm

**Approvati fil-26 ta' Marzu, 2022**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Sindku Alfred Grima** | **Elke Sghendo**<br>**Aġent Deputat Seġretarju Eżekuttiv** |